

Fis-sitt lok, ir-rikorrenti jsostnu li l-Kummissjoni wettqet ksur proċedurali peress li, fir-rigward tal-kontribuzzjoni ta' kapital li hija kkwalifikat b'hal għajnuna mill-Istat, hija ma applikatx id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 659/1999⁽³⁾ fir-rigward ta' għajnuna eżistenti.

Fis-seba' lok, il-linji gwida tal-2005 ma jirrispettawx id-diviżjoni ta' kompetenzi bejn l-Istati Membri u l-Kummissjoni peress li l-Kummissjoni estendiet il-kompetenzi tagħha lil hinn mil-limiti previsti mit-Trattat KE billi interpretat b'mod usa' l-elementi karatteristiċi ta' "impriża" fl-Artikolu 87(1) KE u billi, permezz ta' din l-interpretazzjoni li hija usa', għaddiet taħt il-kontroll tal-istituzzjonijiet Komunitarji anki attivitajiet li jaqgħu fil-kompetenza tal-awtoritajiet amministrattivi nazzjonali.

- (¹) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Linji gwida Komunitarji dwar il-finanzjament ta' ajruporti u l-għajnuna għall-bidu mill-Istat mogħtija lil linji tal-ajru li jtilqu minn ajruporti reġjonali (ĠU C 312, 9.12.2005, p. 1)
- (²) Komunikazzjoni tal-Kummissjoni — Applikazzjoni tal-Artikoli 92 u 93 tat-Trattat KE u tal-Artikolu 61 tal-Ftehim ŻEE għal għajnuna mill-Istat għat-trasport bl-ajru (ĠU 1994, C 350, p. 7).
- (³) Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 659/1999 tat-22 ta' Marzu 1999 li jstabbilixxi regoli dettaljati għall-applikazzjoni ta' l-Artikolu 93 tat-Trattat tal-KE.

Rikors ippreżentat fit-2 ta' Ottubru 2008 — S.L.V. Elektronik vs UASI — Jiménez Muñoz (LINE)

(Kawża T-449/08)

(2008/C 327/64)

Lingwa tar-rikors: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: S.L.V. Elektronik GmbH (Übach-Palenberg, il-Ġermanja) (rappreżentant: C. König, avukat)

Konvenut: L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni)

Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell: Angel Jiménez Muñoz (Gelida, Spanja)

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla d-deċiżjoni tar-Raba' Bord tal-Appell tal-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern, tat-18 ta' Lulju 2008 fil-Każ R 759/2007-4, sa fejn din tirrigwarda r-reġistrazzjoni tat-trade mark 003316908 għal "lampi li jaħdmu bil-kurrent elettriku, tagħmir u installazzjoniet elettriċi, tagħmir elettriku ta' effetti teatrali, lampi tal-elettriku u partijiet tal-prodotti msemmija" u li l-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern għandu jbati l-ispejjeż tal-proċedura quddiem il-Qorti tal-Prim'Istanza

Motivi u argumenti prinċipali

Applikant għat-trade mark Komunitarja: l-appellant

Trade mark Komunitarja kkonċernata: it-trade mark figurattiva "LINE" għal prodotti fil-klassi 11 — applikazzjoni Nru 3 316 908

Proprietarju tat-trade mark jew tas-sinjla invokat in sostenn tal-oppożizzjoni: Angel Jiménez Muñoz

Trade mark jew sinjal invokat in sostenn tal-oppożizzjoni: trade marks verbali u figurattivi nazzjonali "Line" għal prodotti u servizzi fil-klassijiet 9, 35, 37 u 38

Deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni: oppożizzjoni milqugħa

Deċiżjoni tal-Bord tal-Appell: deċiżjoni tad-Diviżjoni tal-Oppożizzjoni parzjalment annullata

Motivi invokati: ksur tal-Artikolu 8(1)(b) tar-Regolament Nru 40/94 tal-Kunsill, billi m'hemm l-ebda probabbiltà ta' konfużjoni bejn iż-żewġ trade marks kunfliġġenti. Barra minn dan, il-Bord tal-Appell ma bbażax ruħu fuq it-trade mark li għaliha saret applikazzjoni, iżda fuq disinn mhux identiku.

Rikors ippreżentat fis-6 ta' Ottubru 2008 — Mitteldeutsche Flughafen u Flughafen Leipzig/Halle vs Il-Kummissjoni

(Kawża T-455/08)

(2008/C 327/65)

Lingwa tal-kawża: Il-Ġermaniż

Partijiet

Rikorrenti: Mitteldeutsche Flughafen AG (Leipzig, il-Ġermanja), Flughafen Leipzig/Halle GmbH (Leipzig, il-Ġermanja) (rappreżentant: M. Núñez-Müller, avukat)

Konvenuta: Il-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej

Talbiet tar-rikorrenti

— tannulla, taħt l-Artikolu 231(1) KE, l-Artikolu 1 tad-Deċiżjoni tal-Kummissjoni tat-23 ta' Lulju 2008, sa fejn f'dan l-artikolu l-Kummissjoni tiddikjara li:

- il-miżura ta' kontribuzzjoni ta' kapital mogħtija mill-Ġermanja għall-kostruzzjoni ta' runway għida fin-nofsinar u tal-istabbilimenti relatati fl-ajruport ta' Leipzig/Halle hija għajnuna mill-Istat fis-sens tal-Artikolu 87(1) KE, u
- din l-"għajnuna mill-Istat" tammonta għal EUR 350 miljun;

— tikkundanna lill-Kummissjoni għall-ispejjeż tar-rikorrenti skont l-Artikolu 87(2) tar-Regoli tal-Proċedura tal-Qorti tal-Prim'Istanza.